# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

| **L-Ewwel Klassi** | **MALTI** | **ĦIN: SAGĦTEJN** |
|---|---|---|

Isem: ___________________ Klassi: ___________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A(i) | A(ii) | A(iii) | B | Ċ | D | E (i) | E(ii) | F(i) | F(ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 7 | 13 | 5 | 8 | 8 | 7 | 3 | 10 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | | |

KUMMENTI

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## A. Silta: **Aqra sewwa u wieġeb**

### *Sajd u Għawm*



Disinn: R. Caruana Dingli

Missieri għal qalbu hawn għax iħobb jistad. Daqqa jistad bil-ġobon, jinten pesta, u daqqa bil-gambli li jaqbad bil-kopp filgħodu kmieni. Il-gambli qishom tal-ħġieġ, u fl-ilma bilkemm jidhru. Dewwaqni wieħed minnhom. Kien tajjeb u ridt iżjed, imma qalli li dawk iridhom għas-sajd. *(par. 1)*

Missieri waħħal gamblu fis-sunnara. Min jaf kemm iweġġa', jaħasra! U qagħad jistenna, kif jagħmel il-qattus quddiem it-toqba tal-ġurdien, għassa mat-tapp jgħum f'wiċċ l-ilma, li miegħu kellu mdendla s-sunnara. Wara ftit it-tapp beda jiżfen u jagħmel iċ-ċrieki fl-ilma. F'daqqa waħda, it-tapp għodos. Missieri refa' l-qasba bis-salt. Il-qasba tgħawġet ganċ, u qabżet ħuta mill-ilma, tferfer u tleqq qisha lsien tan-nar fiddien. *(par. 2)*

Ħatafha malajr u qalgħalha s-sunnara li qabdet ma' xoffitha, u tefagħha fil-landa fejn għal ftit ħin ferfret bħal miġnuna. Imma wara ftit waqfet u stajt nara sewwa l-ġmiel ta' qxur tal-fidda, b'ilwien roża, ħodor, koħol u deheb jilagħbu fuqhom. Qisha l-libsa ta' San Mikiel, dak tal-vara li hemm f'San Pawl. Minn ħalq il-ħuta kienet ħierġa ħajta demm. Ħasditni bi tferfira oħra u ma ċċaqilqitx iżjed. *(par. 3)*

Wara nofs in-nhar, ommi tħajret tniżżilni ngħum. It-tfal kbar jgħumu weħidhom. Imma jien għadni żgħir u Lela l-ġara niżżlitni b'ċinga marbuta ma' sidri mit-taraġ ta' quddiemna fejn id-dgħajjes jgħabbu u jniżżlu n-nies. Wara l-ewwel dehxa, għoġobni l-ilma frisk. Il-ġebel tal-moll aħdar bil-ħaxix ifuħ, u l-ilma tiela' u nieżel ħelu ħelu jgerger fix-xquq. Fix-xaqq ta' quddiem għajnejja sewwa rajt tiċċaqlaq biċċa mill-ġebla ħadra. Kien granċ li daħal jiġri 'l ġewwa la ġenba. Inħsadt u nġbidt lura bis-saħħa, u nħallitli ċ-ċinga u nżilt. Rajt kollox ħdura mtappna u ħassejt dwejjaq kbar f'imnifsejja u f'sidri, u telgħu ħafna bżieżaq quddiem għajnejja waqt li f'widnejja l-ilma gedwed u baqbaq bħal meta tbattal flixkun. Ħassejt weġgħa f'rasi u l-ġilda trid tinqala'. Lela tellgħetni minn xagħri, tefgħetni wiċċi 'l isfel u bdiet tballatli fuq dahri. *(par. 4)*

(Addattament minn ***Fuq il-Għajn ta' San Bastjan*** ta' **Kilin**)



## (i) Kontenut

1. Kif jinqabdu l-gambli? *(par.1)*

_______________________________________________ (1)

2. Mit-tieni paragrafu, ikteb sentenza li turi li l-awtur kellu qalbu ħanina.

_______________________________________________ (1)

3. Biex kien qed jistad missier l-awtur, bil-gambli jew bil-ġobon? *(par.2)*

_______________________________________________ (1)

4. *"Wara ftit, it-tapp beda jiżfen u jagħmel iċ-ċrieki fl-ilma".* X'kien jindika dan? *(par.2)*

_______________________________________________ (1)

5. Kieku kellek taqbad ħuta li mhix tajba għall-ikel, x'kont tagħmel biha?

_______________________________________________ (1)

6. Għaliex lil Kilin niżżluh fil-baħar b'ċinga marbuta ma' sidru? *(par.4)*

_______________________________________________ (1)

7. Liema kelma mir-raba' paragrafu turi li għall-ewwel, Kilin ma ħax gost fl-ilma?

_______________________________________________ (1)

8. Jidher li t-tifel kien jieħu qatgħa mix-xejn. Semmi żewġ inċidenti mis-silta li juru dan: _______________________________________________

_______________________________________________ (2)

## (ii) Analiżi Testwali

1. ***"Missieri għal qalbu <u>hawn</u>".*** Għalfejn jirreferi l-avverb ***<u>hawn</u>***?

_______________________________________________ (1)

2. ***"Il-gambli qishom tal-ħġieġ".*** Ikteb kelma waħda li tfisser l-istess bħal ***qishom tal-ħġieġ***._______________________________ (1)

3. Sib idjoma mill-ewwel paragrafu:_____________________________ (1)
4. ***Tiela' u nieżel ħelu ħelu*** (par. 3) tfisser:
   a) il-ħin kollu jfuħ ____
   b) jitbaxxa u jogħla għax hu ilma ħelu____
   c) jitbaxxa u jogħla bil-mod _____ (1)

5. "***Tleqq qis<u>ha</u> lsien tan- nar".*** Għalxiex qed jirreferi l-pronom ***<u>ha</u>*** fil-kelma ***qis<u>ha</u>***? _______________________________________________ (1)

6. “***F’daqqa waħda, it-tapp għodos. Missieri refa’ l-qasba bis-salt”.***
Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża l-konġunzjoni ***u.***

______________________________________________ (2)

## (iii) Grammatika

| | |
|---|---|
| 1. Il-moll quddiemna | 1. Kif isir l-artiklu kieku flok ***moll*** inpoġġu ***żonqor***?________ (1) |
| 2. Mill-ewwel paragrafu ikteb: | 2. Nom fil-maskil________________<br>Nom fil-femminil______________ (2) |
| 3. ***Ħatafha*** malajr u ***qalgħalha*** s-sunnara. | 3. Aqleb fl-imperfett (preżent): _________malajr u __________s-sunnara. (2) |
| 4. Id-dgħajjes jgħabbu. | 4. Poġġi fis-singular: id-__________ tgħabbi. (1) |
| 5. Mit-tielet paragrafu, sib nom fil-kollettiv | 5. ______________________ (1) |
| 6. <u>**Ommi**</u> tħajret tnizzilni ngħum. | 6. Poġġi pronom flok il-kelma b’sing taħtha.________________ (1) |
| 7. It-tifel ħass ħniena għall-ħuta. | 7. Ikteb fin-negattiv: It-tifel______ ħniena għall-ħuta. (1) |
| 8 Agħti l-Mamma ta’ ***qalagħha*** u l-għerq ta’ ***tgħawġet***. | 8. ___________________<br>___________________ (2) |
| 9. Hu ħabb is-sajd. | 9. Żmien ilu, huma _____________is-sajd. (2) |

## B. Idjomi

(Agħżel l-idjomi addattati biex timla l-vojt: ***wasal fil-ħin; jgħaddi ż-żmien; il-ħin għamel; jgħaddi ż-żmien bih; ħin bla waqt; għandu minn żmien żemżem***, ***ħadu l-ħin; fi żmienu***)
_____________________għax ix-xemx kienet nieżla. Illum____________ jistad b’kajjik li _____________________. Iżda _________________kien l-aqwa sajjied tar-raħal. ____________________ħass ġibda u tella’ ħuta mdaqqsa.

(5 marki)

**Ċ. Malti Komunikattiv:** Agħżel waħda


Pittura: P. Stellini

F'erba' versi, ikteb deskrizzjoni tas-sajjieda jsewwu x-xbiek ***jew*** ivaraw id-dgħajsa.

**JEW**

Stħajjel li int ġurnalista u ser tintervista xwejjaħ li fi żmienu kellu l-passatemp tas-sajd. Ikteb erba' mistoqsijiet li bi ħsiebek tagħmillu.

(8 marki)

**D. Tiftix - Trawwim Kulturali:** Agħżel waħda minn (i) u (ii)

(i) Agħżel 4 snajja' popolari ***jew*** 4 logħbiet u niżżel 4 kelmiet marbuta ma' kull waħda:

| Eż. Is-sajjied | xbiek | luzzu | ikala | konzijiet |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

**JEW**

(ii) Ikteb dwar xi drawwa/drawwiet marbuta ma' xi festa popolari.

(8 marki)

LETTERATURA

**E. (i) Poeżija: Nadriet 1**

Aqra din is-silta minn **"Il-Bikja tal-Buskett"** ta' Oliver Friggieri, u wieġeb.

"La titbellhux, uliedi,
Din l-art teqirduhiex,
għad tfittxu dis-sbuħija
w għalxejn, ma ssibuhiex.

Għad tindunaw x'ħin tilmħu
barrani ċass għaddej
ifittex lil pajjiżkom
meqrud, u jkun għalxejn".

1. Min qed jitkellem f'din is-silta, u minn huma l-ulied?

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

2. *"Għad tfittxu dis-sbuħija".* Xi sbuħija hi din?

_______________________________________________ (1)

3. Din hi poeżija: ta' korla ___; ta' lament___; ta' sarkażmu___. (1)

4. X'ried ifisser il-poeta meta qal *"la titbellhux"?*

_______________________________________________ (1)

5. Il-poeżija fiha tema ambjentali: IVA ___; LE___. (1)

6. L-istrofi ta' din il-poeżija jissejħu ___________________________ (1)

**(ii)** Aktar Nadriet Poetiċi. Agħżel <u>*waħda*</u> minn dawn il-poeżijiet u wieġeb: **"dist/anza"** ta' Tarcisio Zarb; **"Il-Ħerża"** ta' Marjanu Vella; **"Tristes Est Anima Mea"** ta' Rużar Briffa; **"Dik Mewġa"** ta' Anastasju Cuschieri; **"Xmara Ħamra, Bruka Xiħa"** ta' Victor Fenech; **"Raħal Twelidi"** ta' Karmenu Vassallo; **"Il-Kebbies tal-Fanali"** ta' Anton Buttigieg; **"Xita"** ta' Mary Mejlak.

1. Għid jekk il-poeżija li għażilt hix *moderna*___ **jew** *tradizzjonali*___ (1)

2. Agħti l-ħsieb tagħha:_____________________________________

_______________________________________________

(2)

## F. Proża

**(i) Agħżel *waħda* minn 1 u 2**

1. **Fra Martin u novelli oħra:**

"Kieku ma kenitx il-Madonna, kieku ma' l-ewwel sajda kont nibqa' sejjer...". Fin-novella ***"Is-Sajjied",*** fisser liema ġrajja wasslitu biex jgħid dal-kliem, u x'rabta tnisslet fih mal-Madonna.

**JEW**

2. **Stejjer minn Tarf ir-Raħal:**

Fin-novella ***"Ix-Xiħ tal-Bastun",*** fisser kif dan il-karattru wasal biex ħalla tifkira ta' ismu.

(10 marki)

**(ii) Meta Jaqa' ċ-Ċpar.**

Immaġina li inti John. Fisser il-pjan li għamilt biex int u sħabek ħlistu mill-ħabs fejn kienu qaflukom il-Maltin ta' l-imgħoddi.

(10 marki)

**Ġ. Komponiment.** Agħżel ***wieħed***, u fuq karta separata, ikteb madwar 250 kelma.

1. Iddeskrivi raħal tas-sajjieda.
2. Bilqiegħda fuq il-blat f'jum sajfi: inħares u nosserva.
3. Sajda għad-dawl tal-qamar.
4. X'inħobb inġemma'.
5. X'nara minn fuq il-bejt.

(20 marka)

